**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 803/16/1 AL

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet zzewwgu fid-dsatax ta' Mejju tas-sena 2005 (19.05.2005) skont certifikat hawn anness (Dok. 'A');

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla, KB illi twieldet fis-26 ta' Dicembru 2005.

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal izjed minn hames snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ma hemmx possibilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
4. Illi l-partijiet ma ghamlux kuntratt ta' separazzjoni izda kienu ftehmu fil-prezenza tal-avukati rispettivi taghhom is-segwenti :

a. Propjeta` immobiljari ma kellhomx u kienu qasmu l-affarijiet mobiljari li kellhom flimkien.
b. Il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri dejjem kienet fdata f'idejn l-omm. Il-partijiet qablu fuq dan u qablu ukoll li l-missier ghandu access liberu ghat-tifla kif jigi miftiehem bejn il-partijiet.
c. Il-missier, AB, dejjem hallas il-manteniment regolat ta' sittin euro (€60) fil-gimgha liema somma kull tlett snin tizdied b'mod proporzjonat ghaz-zieda fil-gholi tal-hajja skont l-indici ta' inflazzjoni. Qed isir dan il-hlas u l-partijiet jaqblu li dan ikompli sakemm it-tifla jkollha 23 sena u tkun qed tistudja full-time. Qed isir ukoll hlas regolari minn kull parti ugwalment ghall-ispejjez ta-sahha u tal-edukazzjonii tat-tifla.
d. Il-partijiet qablu wkoll li minn ikkuntratta xi dejn, tali dejn jithallas mill-parti illi tkun hekk relatata mal-kreditur.
e. Il-partijiet qablu ukoll li llum permezz tal-prezenti azzjoni jirrinunzjaw b'mod definittiv u formalment ghad-dritt reciproku ta' manteniment.
f. L-esponenti CB ser tirreverti lura ghal kunjomha xebba cioe` W ai termini tal-Artikoli 62(I), l-Artikolu 66(L)4(b) tal-Kodici Civili.

Talbu l-esponenti (1) il-hall taz-zwieg taghhom skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili; (2) tordna fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u anke jigi registrat il-kunjom tal-omm li jsir dak li kellha ta' xebba, cioe` W.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti Caroline Bartolo talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Weaver u il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom separati de facto ghal izjed minn hames snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti Caroline Bartolo sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Weaver, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;